QALA

Ref Nru: 31

Il-minuti tal-wiehed u tletin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2015, fis-7:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Rendikont tal-attivita' tal-Karnival 2015.**

2.1 Saret diskussjoni fuq l-attivita` tal-Karnival 2015 li saret nhar il-Gimgha 13 ta' Frar 2015, li kienet ta success.

**3 Approvazzjoni tar-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2014.**

3.1 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2014 li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

**4 L-offerti ghar-resurfacing ta' parti minn Triq Wied Simar u ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa.**

4.1 Ghall-offerta ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi hames offerti minghand Salvu Camilleri f'isem Salvu Camilleri and Sons Ltd., Peter Paul Said, Road Construction Co. Ltd., Gatt Tarmac Ltd. u Carmel Portelli. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2015 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill studja l-prezzijiet ta' dawn l-offerti u gie diskuss li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Salvu Camilleri and Sons Limited izda gie deciz li ghandu jigi kkonsultat il-Perit sabiex jara jekk din l-offerta hiex valida.

4.2 Ghall-offerta ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa li nharget ghal pubbliku, giet sottomessa offerta wahda minghand Carmel Grima. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2015 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill studja l-prezzijiet ta' din l-offerta u wara unanimament iddecida li ma tigix maghzula din l-offerta peress li l-prezz tal-progett kollu huwa firm gholi, infatti l-ammont huwa iktar gholi mill-*budget* imsemmi fl-offerta. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigu kkunsultat il-Perit sabiex jitnehhew xi *items* mill-*bill of quantities* li jistghu jkunu zejda u imbaghad terga` tinhareg sejha ghall-offerta ohra.

## 5 *Resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq ta' Kassja.

5.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ghandhom xi fondi zejda mill-EKO Ghawdex u li ghandhom il-hsieb li jaghmlu xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq ta' Kassja fejn hemm il-garaxxijiet tal-*housing estate* bil-patt li l-Kunsill Lokali jhallas il-*base* taz-zrar u r-ramel li jigi jiswa madwar €1,500 u €2,000. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa jaqbel li ghandha jsir din it-triq imma ghandna niccekkjaw dwar il-problema tal-*culvert* li hemm mirdum kif ukoll il-levelli peress li hemm hafna dislevelli, aparti li dan ix-xoghol ta' *resurfacing* huwa r-responsabbilta` tal-*housing*, sabiex fil-kaz il-fondi jkunu jistghu jintuzaw x'imkien iehor fil-lokalita`. Is-Sindku semma li dawn il-problemi ser jigu kkunsidrati u jara fuqhom il-Ministeru ghal Ghawdex.

## 6 Inawgurazzjoni ta' progetti.

6.1 Is-Sindku semma li l-Fortizza ta' Sant Antnin hija dalwaqt lesta. Huwa semma li t-terrapien qed jitnehha u l-maltemp kien qed itellef milli jsir dan ix-xoghol. Huwa semma li dan huwa progett tal-lokalita` tal-Qala u ghal kulhadd u ghalhekk ghandu jigi inawgurat mill-Prim Ministru izda ghad irid jaghtina data. Huwa semma li hija spiza kbira sabiex isir it-tikhil fuq barra u ghalhekk ghalissa dan ix-xoghol m'ghandux isir. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar l-access ghal din il-fortizza. Huwa semma li fil-permess tar-restawr hemm li jridu jsiru xi tip ta' *panels* tal-hadid fl-art li jservi bhala passagg. Is-Sindku semma li qatt ma konna tkellimna fuq hekk u li tkellimna biss dwar ix-xoghol kollu li sar s'issa.

6.2 Is-Sindku semma li baqa ftit xogholijiet x'jsiru fil-gnien tal-rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr. Huwa semma li l-inawgurazzjoni ta' dan il-progett ghandu jsir jew ma tal-Fortizza jew jekk ma jigix il-Prim Ministru ghall-inawgurazzjoni tal-fortizza, jinawgurah is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Ian Borg.

**7 Reklamar.**

7.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva ittra minghand Sylvana Calleja mill-Aiken Services Ltd., dwar proposta sabiex titwahhal *billboard* fi 'Gnien il-Familja'. Saret diskussjoni dwar jekk il-*posters* hux ser ikunu f'idejn il-Kunsill jew le. Gie deciz li jigi ivverifikat dan kif ukoll xi affarijiet ohra qabel ma tittiehed decizjoni fuq din il-proposta.

**8 Korrispondenza.**

8.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

8.2 Ittra mibghuta minn Charles A. Zahra mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki, dwar Vittoriosa to Victoria FMVA Vintage Motors Festival 2015. Is-Sindku semma dan il-*festival* ser ikun il-Qala nhar il-Hadd 22 ta' Marzu 2015.

8.3 Ittra mibghuta mill-Arcipriet tal-Qala Fr Ignatius Borg dwar il-*Gozo International Celebration* li ser isir nhar is-Sibt 21 ta' Marzu 2015. Il-Kunsill gie mistieden ghal din l-attivita`.

8.4 Ittra mibghuta minn Tanja Van Poucke – Buttigieg, dwar proposta sabiex tibda l-*art box gallery* taghha fil-muzew folkloristku. Il-Kunsill iddiskuta li din l-*art box* ghandha jdum ghal xi ftit zmien biss u ma tkunx ghal dejjem.

8.5 Ftehim bejn il-Kunsill u l-*Pharmacy Of Your Choice Unit* peress li beda t-tqassim tal-*vouchers* tal-*Gluten Free* mill-ufficini tal-Kunsilli Lokali.

8.6 Ittra minn Frank Mumford mill-Qala Saints Football Club dwar talba sabiex il-Kunsill jaghti €1,000 ghal Albert Mizzi Tournament 2015. Is-Sindku semma li ghandha tinghata s-somma ta' €700 ghas-spejjes ta' dan it-*tournament,* kif issoltu jaghmel il-Kunsill.

8.7 Ittra mibghuta minn Joseph Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talab il-kummenti tal-Kunsill dwar ittra li huma rcievew li tikkoncerna ilmenti dwar il-pavimentar li sar fi Pjazza San Guzepp. Intbghatet ittra mill-Kunsill lid-Dipartiment bhala risposta.

8.8 Ittra mibghuta minn Stephen Mifsud dwar il-prezz ghax-xiri tal-pitturi tal-Qala fuq *canvas* kif ukoll l-arma tal-Kunsill tal-metal li gew esibiti fil-muzew folkloristiku waqt ic-cerimonja tal-inawgurazzjoni. Intalbiet is-somma ta' €600 ghal pitturi u €800 ghall-arma tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li ghandu jixtri dawn l-oggetti, li huma ta' level gholi, izda ghas-somma totali ta' €1,200.

Gew diskussi xi materji ohra:

Giet sottomessa applikazzjoni mill-Kunsill lill-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, dwar l-iskema ta' proposti mill-Kunsilli Lokali ghal progetti kapitali fil-lokalitajiet. Is-Sindku semma li saret applikazzjoni wahda ghat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp inkluz il-*water culvert*.

Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

Is-Sindku semma li l-iskrivana ghandha xi granet mill-*vacation leave* tas-sena 2014 li ma giehx mehud. Ghalhekk gie mitlub l-permess tal-Kunsill sabiex dawn il-granet jigu akkumulati ghal ma din is-sena, jigifieri ghas-sena 2015.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-24 ta' Jannar 2015 sat-2 ta' Marzu 2015 minn referenza numru 18/15 sa referenza numru 53/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 4/15 sa referenza numru 11/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

Il-laqgha ntemmet fis-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha l-1 ta' April 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |